

Brussell, 1 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0287 (COD)

9901/17
ADD 1

JUSTCIV 137
CONSOM 246
DIGIT 157
AUDIO 84
DAPIX 224
DATAPROTECT 111
CULT 83
CODEC 968

NOTA

minn:	il-Presidenza
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	9641/17 + ADD 1
Nru dok. Cion:	15251/15
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-forniment ta' kontenut diġitali (L-ewwel qari) - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-test tal-Artikoli u ta' għadd ta' premissi tal-proposta ta' hawn fuq propost mill-Presidenza bħala kompromess bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' approċċ ġenerali mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fil-laqgħa tiegħu tat-8 u d-9 ta' Ġunju 2017.

Il-bidliet meta mqabbla mat-test tal-proposta tal-Kummissjoni huma mmarkati b'**tipa grassa** jew bi (...) għat-test imħassar. Fin-noti f'qiegħ il-paġna t-**tipa grassa** tintuża wkoll biex tenfasizza l-keywords.

L-abbrevjazzjonijiet li ġejjin jintużaw fin-noti f'qiegħ il-paġna tat-test:

- "**CRD**": Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
- "**GDPR**": Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

Artikolu 1

Suġġett

L-għan ta' din id-Direttiva hu li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern filwaqt li tipprovdi livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumatur¹ billi tistabbilixxi regoli komuni dwar ċerti rekwiżiti rigward kuntratti bejn il-fornituri u l-konsumaturi:

- għall-forniment ta' kontenut diġitali **jew servizz diġitali (...)**, b'mod partikolari regoli dwar
- il-konformità tal-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** mal-kuntratt,
- ir-rimedji f'każ ta' nuqqas ta' tali konformità **jew nuqqas ta' forniment** u l-modalitajiet għall-eżerċizzju ta' dawk ir-rimedji, kif ukoll dwar
- **il-modifika tal-kontenut diġitali jew ta' servizz diġitali** u t-terminazzjoni ta' kuntratti **fit-tul**.

¹ Jenħtieġ li l-elementi addizzjonali tal-oġġettivi tad-Direttiva kif imsemmija fil-punt 1 tal-"Linji gwida politiċi" ta' Ġunju 2016 (dok. 9768/16), bħaċ-ċertezza legali ikbar, it-tnaqqis tal-kostijiet ta' transazzjoni, li jkun aktar faċli għan-negozji, speċjalment dawk zġhar u ta' daqs medju (SMEs), biex ibiegħu madwar l-UE kollha, li tissaħħaħ il-fiduċja fost il-konsumaturi Ewropej meta jixtru b'mod transfruntier, jiġu inklużi fil-premessi [il-premessi (3) sa (7)].

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "kontenut diġitali" tfisser data li tiġi prodotta jew ipprovduta f'format diġitali, pereżempju f'**files** video, **files** awdjo, applikazzjonijiet, loġħob diġitali u kwalunkwe software ieħor,²

1a. "kontenut diġitali" tfisser

(a) servizz li permezz tiegħu **l-konsumatur** ikun jista' joħloq, jipproċessa jew jaħżen data f'format diġitali, **jew jikseb aċċess għaliha**, (...); **jew**

(b) servizz li jippermetti **l-kondiviżjoni** ta' data f'format diġitali **mtella' jew maħluqa mill-konsumatur u utenti oħra ta' dak is-servizz**, **jew** kwalunkwe interazzjoni oħra magħha,³

² Jenħtieġ li l-premessi jelenkaw eżempji ta' kontenut diġitali (films, fajls tal-mużika, loġħob, kotba elettroniċi jew pubblikazzjonijiet elettroniċi oħra, li jistgħu jitniżżlu mill-internet jew jixxandru fuq l-internet) u jistgħu jiġu fformulati kif ġej:

"Jenħtieġ li din id-Direttiva tindirizza problemi minn fost kategoriji differenti tal-kontenut diġitali, is-servizzi diġitali u l-forniment tagħhom. Bil-għan li taħseb għal żviluppi teknoloġiċi mgħaġġlin u biex il-kunċett ta' kontenut diġitali jibqa' validu fil-futur, jenħtieġ li fost l-oħrajn din id-Direttiva tkopri films, fajls tal-mużika, loġħob, kotba elettroniċi jew pubblikazzjonijiet elettroniċi oħrajn, kif ukoll is-servizzi diġitali li jippermettu l-ħolqien, l-ipproċessar jew il-ħżin ta' data inkluż ta' software bħala servizz bħall-kondiviżjoni ta' videos u ta' awdjo u l-ospitar ta' fajls oħra, il-word processing jew il-loġħob offrut fl-ambjent tal-cloud computing u l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Waqt li hemm bosta modi kif il-kontenut diġitali jiġi pprovdut, bħat-trasmissjoni fuq mezz tanġibbli, it-tniżżil mill-konsumaturi fuq l-apparat tagħhom, ix-xandir fuq l-internet, il-possibbiltà ta' aċċess għal kapaċitajiet ta' ħżin ta' kontenut diġitali jew ta' aċċess għall-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali, jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għall-kontenut diġitali u s-servizzi diġitali kollha indipendentement mill-mezz li jintuża biex dan jiġi trasmess. Madankollu, din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għall-għoti ta' aċċess għall-internet."

³ Jenħtieġ ukoll li l-premessi jelenkaw **eżempji ta' "servizzi diġitali"**: software bħala servizz bħall-word processing, l-editjar ta' fajls video jew awdjo, il-loġħob u kwalunkwe software ieħor offrut fl-ambjent tal-cloud computing, il-kondiviżjoni u l-ospitar ta' fajls oħra (ara l-formulazzjoni proposta għall-premessi fin-nota preċedenti fqiegħ il-paġna).

2. "integrazzjoni" tfisser l-irbit u l-inkorporazzjoni ta' kontenut diġitali jew ta' servizz diġitali mal-komponenti tal-ambjent diġitali tal-konsumatur sabiex il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jkun jista' jintuża skont il-kriterji ta' konformità kif previst minn din id-Direttiva (...);
3. "fornitur"⁴ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, irrispettivament minn jekk hijiex ta' sjieda privata jew pubblika⁵, li **b'rabta ma' kuntratti koperti b'din id-Direttiva**, qed taġixxi (...) għal skopijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni ta' dik il-persuna;
4. "konsumatur"⁶ tfisser kwalunkwe persuna fiżika, li **b'rabta ma' kuntratti koperti minn din id-Direttiva**, qed taġixxi għal skopijiet li jmorru lil hinn mill-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni ta' dik il-persuna;⁷
5. (...) ⁸

⁴ Huwa ssuġġerit li jiġi ċċarat fil-premessi li

- **il-pjattaformi** jistgħu jkunu fornituri skont din id-Direttiva jekk ikunu qed jaġixxu għal skopijiet relatati man-negozju proprju tagħhom bħala s-sieħeb kuntrattwali dirett tal-konsumatur għall-forniment ta' kontenut diġitali jew ta' servizz diġitali;
- L-Istati Membri jibqgħu liberi li jestendu l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-Direttiva għal pjattaformi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' "fornitur" kif definit f'din id-Direttiva;
- L-Istati Membri jibqgħu liberi li jirregolaw it-talbiet tal-konsumatur għal kumpens għad-danni kontra partijiet terzi għajr il-fornitur tal-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali fit-tifsira ta' din id-Direttiva, bħal **żviluppaturi**, li mhumiex il-fornitur (fl-istess ħin).

⁵ Fir-rigward tal-entitajiet pubbliċi li jipprovdu aċċess għal data pubblika, l-esklużjoni mill-ambitu proposta tinsab fil-punt (g) tal-Artikolu 3(5).

⁶ Jenħtieġ li jiġi ċċarat fil-premessi li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jestendu l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-Direttiva għal "**kuntratti bi skop doppju**", fejn il-kuntratt jiġi konkluż għal skopijiet li jaqgħu biss parzjalment taħt l-ambitu tal-kummerċ ta' persuna u l-fini tal-kummerċ tant huwa limitat li mhumiex predominanti fil-kuntest kumplessiv tal-kuntratt (formulazzjoni ispirata mill-premessa (17) tas-CRD).

⁷ Qed jiġi ssuġġerit li tizzied kjarifika (bħal dik li tinsab fit-tielet sentenza tal-premessa (13) tas-CRD) fil-premessi ta' din id-Direttiva biex tiċċara li l-Istati Membri jibqgħu kompetenti biex jestendu l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-Direttiva għal persuni ġuridiċi jew għal persuni fiżiċi li mhumiex konsumaturi fit-tifsira ta' din id-Direttiva, bħal pereżempju l-**organizzazzjonijiet mhux governattivi, in-negozji ġodda u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju**.

⁸ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna dwar l-Artikolu 14.

6. "prezz" tfisser flus jew **rappreżentazzjoni diġitali ta' valur inkluż munita virtwali**⁹ li tkun dovuta bi skambju **għall-forniment ta' kontenut diġitali jew ta' servizz diġitali**;
- 6a. **"data personali"** tfisser data kif definita mill-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679¹⁰;
7. (...) (*tħassir tad-definizzjoni ta' "kuntratt"*)
8. "ambjent diġitali" tfisser il-hardware, **is-software** u kwalunkwe konnessjoni ta' netwerk (...) **li tintuża mill-konsumatur biex jaċċessa jew jagħmel użu minn kontenut diġitali jew servizz diġitali**;
9. "kompatibbiltà" tfisser il-kapaċità tal-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali li jopera b'suċċess b'ambjent standard ta' hardware jew software**;
- 9a. **"funzjonalità"** tfisser il-kapaċità tal-kontenut diġitali **jew tas-servizz diġitali li jaqdi l-funzjonijiet tiegħu fid-dawl tal-iskop tiegħu**;
- 9b. **"interoperabbiltà"** tfisser il-kapaċità tal-kontenut diġitali **jew tas-servizz diġitali li jopera b'suċċess b'ambjent diġitali differenti minn dak li għalih ġie pprovdut mill-fornitur**;
10. (...) ¹¹

⁹ Il-premessi jistgħu jispjegaw li **l-muniti virtwali, sa fejn huma rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali tal-Istati Membri**, ma għandhom l-ebda skop ieħor ħlief li jservu bħala mezz ta' ħlas. Għaldaqstant dawn ma għandhomx jitqiesu bħala kontenut diġitali jew servizz diġitali fit-tifsira ta' din id-Direttiva, iżda bħala "prezz". Il-premessi jistgħu jiċċaraw ukoll li r-"rappreżentazzjonijiet diġitali ta' valur" jinkludu wkoll **vouchers jew kupuni elettroniċi**.

¹⁰ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

¹¹ Fid-dawl tal-formulazzjoni riveduta tal-Artikolu 5, id-definizzjoni ta' "forniment" tqieset li kienet superfluwa u għaldaqstant tħassret.

11. "mezz durabbli"¹² tfisser kwalunkwe strument li jippermetti li l-konsumatur jew il-fornitur jaħżen informazzjoni personalment indirizzata lil dik il-persuna b'mod aċċessibbli għal referenza futura għal perijodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet tal-informazzjoni u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni mażżuna¹³.
12. **"kontenut diġitali inkorporat" tfisser il-kontenut diġitali li jinsab f'oġġett, li n-nuqqas tiegħu jrendi lill-oġġett inoperabbli jew jipprevjeni l-oġġett milli jwettaq il-funzjonijiet ewlenin tiegħu, irrISPETTIVAMENT minn jekk dak il-kontenut diġitali kienx installat minn qabel fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt marbut mal-oġġett jew jekk skont dak il-kuntratt ġiex installat wara.**¹⁴

¹² Il-premessi għandhom jipprovdu spjegazzjoni fuq il-linji tal-premessa 23 tas-CRD:

"Jenħtieġ li l-mezz durabbli jippermetti li l-konsumatur jaħżen l-informazzjoni għal perijodu ta' żmien li jkun jeħtieġ biex ikun jista' jipproteġi l-interessi tiegħu li jirriżultaw mir-relazzjoni tiegħu mal-fornitur. Jenħtieġ li tali mezz jinkludu b'mod partikolari l-karta, il-memorja USB, is-CD-ROMs, id-DVDs, il-kards tal-memorja jew il-hard disks tal-kompjuters kif ukoll l-posta elettronika."

¹³ Nota għat-tradutturi: id-definizzjoni ta' "mezz li jservi għal żmien twil" tikkorrispondi għad-definizzjoni li ntużat fl-Artikolu 2(10) tas-CRD.

¹⁴ Id-definizzjoni tal-Artikolu 2(12) tista' tiġi spjegata aktar fil-premessi b'dan il-mod:

"Huwa meħtieġ li jkun ċċarati r-regoli li japplikaw għal każijiet fejn il-kontenut diġitali jkun inkorporat f'oġġetti. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-kriterju distintiv ikun jekk il-kontenut diġitali joperax bħala parti integrali tal-oġġett. Jenħtieġ li l-kontenut diġitali jitqies bħala parti integrali ta' oġġett meta n-nuqqas ta' tali kontenut diġitali jrendi lill-oġġett inoperabbli jew jipprevjeni l-oġġett milli jwettaq il-funzjonijiet ewlenin tiegħu.

Għaldaqstant jenħtieġ li r-regoli applikabbli għall-oġġetti jiddeterminaw ir-rimedji għall-konsumaturi f'każ ta' nuqqas ta' konformità tal-oġġetti mal-kontenut diġitali inkorporat inkluż is-software inkorporat.

Madankollu, f'każijiet fejn in-nuqqas tal-kontenut diġitali ma jrendix lill-oġġett inoperabbli jew ma jkollux impatt fuq it-twertiq tal-funzjonijiet ewlenin tal-oġġett, jenħtieġ li l-kontenut diġitali ma jitqiesx li huwa inkorporat fl-oġġett skont id-definizzjoni f'din id-Direttiva. Għaldaqstant jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għal kontenut diġitali bħal dan. Sakemm il-kontenut diġitali li jinsab f'oġġett ma jitqiesx li huwa inkorporat fl-oġġett skont it-tifsira ta' din id-Direttiva iżda jiġi fornut lill-konsumatur fl-istess kuntratt bħall-oġġett, jenħtieġ li japplikaw ir-regoli ta' din id-Direttiva li jikkonċernaw pakketti ta' kuntratti."

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kwalunkwe kuntratt li fih il-fornitur jipprovdi **jew jintrabat li jipprovdi** kontenut diġitali **jew servizz diġitali** lill-konsumatur (...).

Hija ma għandhiex tapplika (...) għall-forniment ta' kontenut diġitali jew servizz diġitali li għalih il-konsumatur ma jħallasx jew ma jintrabatx li jħallas prezz u ma jipprovdi jew ma jimpenjax ruħu li jipprovdi data personali lill-fornitur.¹⁵

Din lanqas ma għandha tapplika fejn id-data personali tiġi pproċessata esklużivament mill-fornitur għall-provvista tal-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali, jew biex il-fornitur jikkonforma mar-rekwiżiti legali li jkun soġġett għalihom, u l-fornitur ma jipproċessax id-data b'xi mod ieħor.

¹⁵ Fil-premessi ser tiżdied spjegazzjoni kif ġej:

"Fl-ekonomija diġitali, il-kontenut diġitali spiss jiġi pprovdut mingħajr ħlas ta' prezz u l-fornituri jużaw id-data personali tal-konsumatur li jkollhom aċċess għaliha fil-kuntest tal-forniment tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali. Dawn il-mudelli kummerċjali speċifiċi japplikaw f'forom differenti f'parti konsiderevoli tas-suq. Jenħtieġ li jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni.

Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika għal kuntratti li fihom il-fornitur jipprovdi jew jintrabat li jipprovdi kontenut diġitali jew servizz diġitali lill-konsumatur. Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jiddeterminaw jekk ir-rekwiżiti għall-eżistenza ta' kuntratt humiex issodisfati skont il-liġi nazzjonali. Jenħtieġ li d-Direttiva ma tapplikax jekk il-konsumatur ma jħallasx jew ma jintrabatx li jħallas prezz u ma jipprovdi data personali lill-fornitur. Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal sitwazzjonijiet fejn il-fornitur jiġbor biss il-metadata, l-indirizz IP jew informazzjoni oħra ġġenerata awtomatikament, bħall-informazzjoni miġbura u trasmessa permezz tal-cookies, ħliet fejn dan jitqies bħala kuntratt skont il-liġi nazzjonali. Bl-istess mod, jenħtieġ li din id-Direttiva lanqas ma tapplika għal sitwazzjonijiet li fihom il-konsumatur, mingħajr ma jkun ikkonkluda kuntratt mal-fornitur, ikun espost għal reklamar esklużivament sabiex jinkiseb aċċess għall-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali.

Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jestendu l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-Direttiva għal sitwazzjonijiet bħal dawn jew inkella li jirregolaw sitwazzjonijiet bħal dawn li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva."

2. Din id-Direttiva għandha tapplika **wkoll fejn (...)** il-kontenut **diġitali jew is-servizz diġitali jiġi** żviluppat skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-konsumatur.
3. Bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 u 11, din id-Direttiva għandha tapplika **wkoll**¹⁶ għal kwalunkwe mezz **tanġibbli li jinkorpora** kontenut diġitali **b'tali mod li l-mezz tanġibbli jservi** esklużivament bħala portatur tal-kontenut diġitali.¹⁷

3a. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal kontenut diġitali inkorporat.

4. (...)

5. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal¹⁸ kuntratti rigward:

- (a) **il-forniment ta' servizzi fejn il-forma diġitali tintuża biss mill-fornitur għat-trasmissjoni tal-prodotti ta' tali servizzi lill-konsumatur;**¹⁹

¹⁶ Iż-żieda tal-kelma "wkoll" għandha l-għan li tiċċara li d-Direttiva tapplika kemm għall-portatur kif ukoll għall-kontenut diġitali.

¹⁷ Ser ikun hemm premessa li tiċċara li din id-Direttiva ma għandhiex tfixxkel l-applikazzjoni ta' liġijiet oħra tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari l-applikazzjoni tad-dritt ta' rtirar previst mis-CRD f'każ ta' CDs, DVDs, stiekek-USB, jew mezzi tanġibbli simili.

¹⁸ Fil-premessi jista' jiġi ċċarat b'mod espliċitu li l-Istati Membri jżommu l-possibbiltà li jirregolaw l-oqsma eżentati mill-Artikolu 3(5) li tista' tiġi fformulata kif ġej:

"Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jestendu l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-Direttiva għal kuntratti li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, jew inkella li jirregolaw dawn it-tip ta' kuntratti."

¹⁹ L-eċċezzjoni fil-paragrafu (a) tista' tiġi spjegata aktar fil-premessi kif ġej:

"Billi din id-Direttiva tapplika għal kuntratti li għandhom bħala oġġett il-forniment ta' kontenut diġitali jew servizzi diġitali lill-konsumatur, jenħtieġ li ma tapplikax għal kuntratti fejn is-suġġett ewlieni tal-kuntratt ikun il-forniment ta' servizzi professjonali bħalma huma s-servizzi ta' traduzzjoni, servizzi arkitettorali jew servizzi ta' konsulenza professjonali oħrajn li sikwit jitwettqu personalment mill-fornitur, irrispettivament minn jekk il-mezzi diġitali jintużawx mill-fornitur sabiex jipproduċi l-output tas-servizz jew biex jagħtih lill-konsumatur. Bl-istess mod, jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal servizzi pubbliċi bħal servizzi ta' sigurtà soċjali jew reġistri pubbliċi fejn il-mezzi diġitali jintużaw biss għat-trasmissjoni jew il-komunikazzjoni tas-servizz lill-konsumatur. Jenħtieġ li din id-Direttiva lanqas ma tapplika għal strumenti awtentiċi u atti notarili oħrajn, irrispettivament minn jekk jitwettqux, jiġux irreġistrati, riprodotti jew trasmessi permezz ta' mezzi diġitali."

- (b) servizzi ta' komunikazzjoni elettronika kif iddefiniti fid-Direttiva 2002/21/KE;^{20,21}
- (c) il-kura tas-saħħa kif definita fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24/UE;²²
- (d) is-servizzi tal-logħob tal-azzard li jfissru servizzi li jinvolvu mħatri **għal flus** f'logħob ta' fortuna, inkluż dawk b'element ta' ħila, bħal-lotteriji, il-logħob fil-każinò, il-logħob tal-poker u transazzjonijiet li jikkostitwixxu mħatri, b'mezzi elettroniċi **jew bi kwalunkwe teknoloġija oħra li tiffaċilita l-komunikazzjoni** u fuq it-talba individwali ta' benefiċjarju ta' servizz;

²⁰ L-eċċezzjoni tal-paragrafu (b) tirrifletti l-għażla politika li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva s-servizzi tradizzjonali tat-telekomunikazzjoni (servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali bbażati fuq in-numru), iżda li l-konsumaturi jkunu jistgħu jibbenefikaw mir-rimedji previsti f' din id-Direttiva f'każijiet ta' nuqqas ta' forniment jew nuqqas ta' konformità għall-hekk imsejħa servizzi tal-komunikazzjoni "over the top" (OTT) . Dan huwa rifless b'referenza għad-Direttiva 2002/21/KE, li tkopri biss l-operaturi tradizzjonali tat-telekomunikazzjoni, iżda ma tkoprix komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numru, bħall-OTTs.

²¹ L-eċċezzjoni fil-paragrafu (b) tista' tiġi spjegata aktar fil-premessi kif ġej:

"Is-suq tas-servizzi online pprovduti minn servizzi ta' komunikazzjoni u ta' messaġġi "over-the-top" (OTT), jiġifieri servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali (ICS) li huma indipendenti min-numru u ma jużawx networks tradizzjonali ta' komunikazzjoni iżda jippermettu li ssir komunikazzjoni bejn l-indirizzi IP permezz tal-internet, qed jevolvi rapidament. F'dawn l-aħħar snin, il-ħolqien ta' applikazzjonijiet u servizzi diġitali (OTTs) ġodda li jipprovdu l-ICS fuq l-Internet, wassal biex aktar konsumaturi jużaw servizzi bħal dawn bħala mezz ta' komunikazzjoni. Għal dawn ir-raġunijiet jenħtieġ li tiġi prevista protezzjoni effettiva għall-konsumatur fir-rigward ta' dawn is-servizzi emerġenti. Ir-rimedji previsti f' din id-Direttiva għal każijiet ta' nuqqas ta' provvista u n-nuqqas ta' konformità għandha għalhekk tapplika għall-OTTs."

²² L-eċċezzjoni fil-paragrafu (c) tista' tiġi spjegata aktar fil-premessi kif ġej:

"Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ma japplikawx għall-kura tas-saħħa li jenħtieġ għalhekk li tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Id-Direttiva 2011/24/UE tiddefinixxi l-kura tas-saħħa bħala "servizzi tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lill-pazjenti biex jivvalutaw, iżommu jew ireġġgħu lura l-istat tas-saħħa tagħhom, inklużi l-preskrizzjoni, l-għoti u l-forniment ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi". L-esklużjoni tal-"kura tas-saħħa" mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ għalhekk li tapplika għal kwalunkwe kontenut diġitali li jikkostitwixxi apparat mediku, kif definit mid-Direttivi 93/42/KEE, 90/385/KEE jew 98/79/KE, fejn dan l-apparat mediku jkun preskritt jew ipprovdut minn professjonist tas-saħħa kif definit mid-Direttiva 2011/24/UE. Madankollu, jenħtieġ li r-rimedji ta' din id-Direttiva japplikaw għal kwalunkwe apparat mediku, bħal HealthApps, li l-konsumatur jikseb fis-suq ħieles mingħajr ma jkun ġie preskritt jew ipprovdut minn professjonist tas-saħħa."

- (e) is-servizzi finanzjarji **kif definiti fil-punt (b) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/65/KE;**²³
- (f) **il-forniment ta' kontenut diġitali fejn il-kontenut diġitali jkun disponibbli għall-pubbliku inġenerali bl-eċċezzjoni tat-trasmissjoni tas-sinjali bħala parti minn spettaklu jew avveniment, bħall-projezzjonijiet ċinematografiċi diġitali;**²⁴
- (g) **il-kontenut diġitali pprovdut f'konformità mad-Direttiva 2003/98/KE**²⁵ **minn korpi tas-settur pubbliku tal-Istati Membri.**

6. **Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3a, fejn kuntratt uniku bejn l-istess fornitur u l-istess konsumatur jinkludi f'pakkett elementi ta' forniment ta' kontenut diġitali jew servizz diġitali u elementi tal-forniment ta' servizzi jew oġġetti oħrajn, din id-Direttiva għandha tapplika biss għall-elementi tal-kuntratt li jirrigwardaw il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali. L-Artikolu 16 ma għandux japplika meta l-pakkett jinkludi elementi ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika regolati mid-Direttiva 2002/21/KE.**

²³ L-eċċezzjoni fil-paragrafu (e) tista' tiġi spjegata aktar fil-premessi kif ġej:

"Il-leġislazzjoni eżistenti tal-Unjoni relatata mas-servizzi finanzjarji fiha bosta regoli dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Is-servizzi finanzjarji kif definiti mil-leġislazzjoni f'dak is-settur, b'mod partikolari mid-Direttiva 2002/65/KE, ikopru wkoll kontenut diġitali jew servizzi diġitali relatati mas-servizzi finanzjarji jew li jagħtu aċċess għalihom u għalhekk huma koperti mill-protezzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Jenħtieġ għalhekk li l-kuntratti relatati mal-kontenut jew is-servizzi diġitali li jikkostitwixxu servizz finanzjarju, jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva."

²⁴ L-eċċezzjoni fil-paragrafu (f) tista' tiġi spjegata aktar fil-premessi kif ġej:

"Jenħtieġ li din id-Direttiva ma tapplikax għal kontenut diġitali li jiġi pprovdut lill-pubbliku inġenerali li ma jkunx permezz tat-trasmissjoni tas-sinjali, bħas-servizzi ta' televiżjoni diġitali, iżda bħala parti minn avveniment artistiku jew ta' tip ieħor, bħal projezzjoni ċinematografika jew spettaklu teatrali awdjoviżiv."

²⁵ Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid ta' informazzjoni tas-settur pubbliku (kif emendata bid-Direttiva 2013/37/UE).

L-effetti li jista' jkollha t-terminazzjoni tal-element ta' kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali ta' pakkett ta' kuntratti f'konformità ma' din id-Direttiva fuq l-elementi l-oħrajn tal-pakkett ta' kuntratti għandhom ikunu regolati mil-liġi nazzjonali.²⁶

7. Jekk kwalunkwe dispożizzjoni ta' din id-Direttiva tkun f'konflitt ma' dispożizzjoni ta' att ieħor tal-Unjoni li jirregola settur jew suġġett speċifiku, id-dispożizzjoni ta' dak l-att l-ieħor tal-Unjoni għandha tiegħu preċedenza fuq din id-Direttiva.

²⁶ Fi premessa jistgħu jingħataw aktar spjegazzjonijiet kif ġej:

"Il-kontenut diġitali jew is-servizzi diġitali spiss jiġu kkombinati mal-forniment ta' oġġetti jew servizzi oħra u jiġu offruti lill-konsumatur fl-istess kuntratt li jinkludi f'pakkett elementi differenti, bħall-forniment ta' televiżjoni diġitali u x-xiri ta' tagħmir elettroniku jew il-forniment ta' servizzi ta' aċċess għall-internet. F'każijiet bħal dawn, il-kuntratt bejn il-konsumatur u l-fornitur jinkludi elementi ta' kuntratt għall-forniment ta' kontenut jew servizz diġitali iżda wkoll elementi ta' tipi oħrajn ta' kuntratti, bħal pereżempju l-kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi. Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika biss għal dawk l-elementi tal-kuntratt ġenerali li jikkonsistu fil-forniment ta' kontenut diġitali jew servizzi diġitali. Jenħtieġ li l-elementi l-oħra tal-kuntratt jiġu regolati bir-regoli applikabbli għal dawk il-kuntratti skont il-liġi nazzjonali jew, fejn applikabbli, bir-regoli ta' att ieħor tal-Unjoni li jirregola settur jew suġġett speċifiku. Bl-istess mod, kwalunkwe effett li jista' jkollha t-terminazzjoni tal-parti tal-kuntratt relatata mal-forniment ta' kontenut jew servizzi diġitali fuq il-partijiet tal-kuntratt relatati ma' elementi oħra tal-kuntratt għandu jiġi regolat mil-liġi nazzjonali."

8. **Il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali²⁷ tapplika għal kwalunkwe data personali pproċessata b'rabta mal-kuntratti msemmija fil-paragrafu 1.²⁸**

²⁷ Il-premessi ser jispeċifikaw li l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali hija corpus komprensiv ta' liġi, iktar estensiv mir-Regolament (UE) 2016/679 (Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)). Dan ikopri diversi atti ta' leġislazzjoni sekondarja (ir-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR)), id-Direttiva 2002/58/KE (dwar il-privatezza elettronika), iżda wkoll u fl-ewwel lok, dispożizzjonijiet ta' liġi primarja (l-Artikoli 8 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, l-Artikolu 16 TFUE).

²⁸ Fil-premessi ser jingħataw spjegazzjonijiet ulterjuri li jistgħu jiġu fformulati kif ġej:

"Il-liġi tal-Unjoni tipprevedi qafas komprensiv dwar il-protezzjoni ta' data personali. Dak il-qafas japplika għal kwalunkwe data personali pproċessata b'rabta mal-kuntratti koperti minn din id-Direttiva. B'mod partikolari, din id-Direttiva hi mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. F'każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, din tal-aħħar għandha tipprevali.

B'konsegwenza ta' dan, id-data personali ma għandhiex tiġi trasmessa, tinġabar u tiġi pproċessata ħlief f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 (GDPR) u d-Direttiva dwar il-privatezza elettronika (id-Direttiva 2002/58/KE) (ir-referenza għandha tiġi aġġornata b'segwitu għall-emendi għal din il-leġislazzjoni li qegħdin isiru bħalissa).

Din id-Direttiva ma tirregolax il-kondizzjonijiet għall-ipproċessar legali ta' data personali, peress li din il-kwistjoni hija regolata bir-Regolament (UE) 2016/679, b'mod partikolari bl-Artikolu 6(1) tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, kwalunkwe pproċessar ta' data personali b'rabta ma' kuntratt li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva huwa legali biss jekk huwa f'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 dwar ir-raġunijiet legali għall-ipproċessar ta' data personali.

Meta l-ipproċessar ta' data personali jkun ibbażat fuq il-kunsens (il-punt (a) tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) 2016/679), japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament (UE) 2016/679 inkluż il-kondizzjonijiet dwar jekk il-kunsens ikunx ingħata b'mod liberu. Din id-Direttiva la għandha tirregola l-validità tal-kunsens mogħti u lanqas il-konsegwenzi jekk dan il-kunsens jiġi rtirat.

Il-GDPR jinkludi wkoll drittijiet komprensivi dwar it-tħassir tad-data ("id-dritt li jkun minsi"), il-portabbiltà tad-data u l-għoti lura ta' data. Din id-Direttiva hi mingħajr preġudizzju għal dawn id-drittijiet. Dawn id-drittijiet japplikaw għal kwalunkwe data pprovduta mill-konsumatur lill-fornitur jew miġbura mill-fornitur b'rabta ma' kwalunkwe kuntratt li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u meta l-konsumatur ikun ittermina l-kuntratt f'konformità ma' din id-Direttiva."

^{29,30} B'mod partikolari, din id-Direttiva hi mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE. F'każ ta' kunflitt bejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, din tal-aħħar għandha tipprevali.

8a. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali u tal-Unjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati.

9. (...) Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-possibbiltà li l-Istati Membri jirregolaw l-aspetti ġenerali marbutin mal-liġi kuntrattwali³¹, bħar-regoli dwar it-tfassil, il-validità, in-nullità jew l-effetti tal-kuntratti, inkluż il-konsegwenzi tat-terminazzjoni ta' kuntratt dment li dawn mhumiex regolati f'din id-Direttiva³², jew id-dritt għal kumpens għad-danni.

²⁹ Huwa ssuġġerit li fil-premessi jiġi ċċarat ukoll li d-dritt tal-konsumatur li jirtira l-kunsens f'termini tal-GDPR jibqa' kompletament mingħajr preġudizzju u kompletament applikabbli. Tali premessa tista' tiġi fformulata kif ġej:

"Skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, il-konsumatur għandu dritt għat-tħassir tad-data ("id-dritt li jkun minsi"). Dan jinkludi d-dritt li għandu l-konsumatur li jirtira l-kunsens għall-ipproċessar ta' data personali, dritt li japplika b'mod sħiħ ukoll b'rabta mal-kuntratti koperti b'din id-Direttiva. Id-dritt tal-konsumatur li jtermina l-kuntratt f'konformità ma' din id-Direttiva huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt li għandu l-konsumatur skont ir-Regolament (UE) 2016/679 li jirtira kwalunkwe kunsens mogħti għall-ipproċessar tad-data personali tiegħu."

³⁰ Barra minn hekk, jista' jiġi ċċarat fil-premessi li din id-Direttiva ma tirregola l-ebda effett li l-irtirar tal-kunsens skont il-GDPR ikollu fuq il-kuntratt, u li din il-kwistjoni tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri:

"Id-Direttiva ma għandhiex tirregola l-konsegwenzi għall-kuntratti koperti b'din id-Direttiva fil-każ li l-konsumatur jirtira l-kunsens għall-ipproċessar tad-data personali tiegħu. Din tibqa' kwistjoni li taqa' taħt il-liġi nazzjonali tal-Istati Membri."

³¹ Ser ikun hemm premessa li tiċċara li din id-Direttiva ma tiddeterminax **in-natura legali tal-kuntratti** għall-forniment ta' kontenut diġitali jew servizz diġitali u li l-kwistjoni dwar jekk dawn il-kuntratti jikkostitwixxux, pereżempju, kuntratt ta' bejgħ, servizz, kiri jew kuntratt sui generis, titħalla f'idejn il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri.

³² Il-premessi ser jinkludu kjarifika li hija f'idejn il-liġi nazzjonali biex tirregola kwalunkwe konsegwenza li tirriżulta min-**nuqqas ta' forniment jew in-nuqqas ta' konformità** tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali mal-kuntratt li jkun dovut għal kwalunkwe impediment **li ma jaqax taħt il-kontroll tal-fornitur** u l-fornitur ma setax ikun mistenni jevita jew jegħleb l-impediment jew il-konsegwenzi tiegħu, bħal pereżempju force majeure.

Artikolu 4

Livell ta' armonizzazzjoni

L-Istati Membri ma għandhomx iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet diverġenti minn dawk stipulati f'din id-Direttiva, inkluż dispożizzjonijiet iktar jew inqas strinġenti biex jiżguraw livell differenti ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Forniment tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali

1. (...) Il-fornitur għandu jipprovdi l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** lill-konsumatur. Sakemm il-partijiet ma jkunux ftiehem mod ieħor, il-fornitur għandu jipprovdi l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali mingħajr dewmien bla bżonn** wara l-konklużjoni tal-kuntratt.
2. **Il-fornitur ikun issodisfa l-obbligu tiegħu ta' forniment³³ (...) meta**
 - (a) **il-kontenut diġitali jew kwalunkwe mezz adattat għall-aċċess jew għat-tniżżil ta' kontenut diġitali jasal għand il-konsumatur jew għand il-faċilità fiżika jew virtwali³⁴ magħżula mill-konsumatur għal dan l-għan;**
 - (b) **is-servizz diġitali jsir aċċessibbli għall-konsumatur jew għall-faċilità fiżika jew virtwali magħżula mill-konsumatur għal dak l-għan.**

³³ Il-premessi għandhom jiċċaraw li jekk ir-raġunijiet għan-nuqqas ta' forniment mill-fornitur huma fil-qasam tal-konsumatur, il-fornitur ma għandux ikun responsabbli skont din id-Direttiva, pereżempju jekk dan jiġri minħabba l-konnessjoni tal-internet tal-konsumatur.

³⁴ Ser tiżdied kjarifika fil-premessi fformulata kif ġej:

"Hemm diversi modi kif il-kontenut diġitali jilħaq lill-konsumaturi. Jixraq li jiġu stabbiliti regoli sempliċi u ċari dwar il-modalitajiet u ż-żmien għat-twettiq tal-obbligu kuntrattwali ewlieni tal-fornitur li jforni l-kontenut diġitali lill-konsumatur. Meta jitqies li l-fornitur mhux, fil-prinċipju, responsabbli għal atti jew ommissjonijiet ta' entità oħra li topera faċilità fiżika jew virtwali bħal pereżempju pjattaforma elettronika jew faċilità ta' ħżin fil-cloud, li l-konsumatur ikun għażel biex jirċievi jew jaħżen il-kontenut diġitali, għandu jkun biżżejjed għall-fornitur li jipprovdi l-kontenut diġitali lil din il-faċilità. Madankollu, il-faċilità fiżika jew virtwali ma tistax titqies li ntgħażlet mill-konsumatur jekk din il-faċilità tkun taħt il-kontroll tal-fornitur jew tkun marbuta kuntrattwalment mal-fornitur kif ukoll meta l-konsumatur ikun għażel din il-faċilità fiżika jew virtwali biex jirċievi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali iżda dik l-għażla kienet l-unika waħda li tkun ġiet offruta mill-fornitur biex jiġi riċevut jew aċċessat il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali. F'dawk il-każijiet, in-nuqqas tal-forniment tal-kontenut diġitali jew in-nuqqas li s-servizz diġitali jkun aċċessibbli minn dik il-faċilità skont id-Direttiva għandu jkun soġġett għall-istess rimedji bħallikieku l-fornitur naqas li jforni l-kontenut jew is-servizz diġitali lill-konsumatur. Rigward il-mument tal-forniment, f'konformità mal-prattiki tas-suq u l-possibiltajiet tekniċi, u biex ikun previst ċertu livell ta' flessibilità, jenħteġ li l-kontenut diġitali jiġi pprovdut mingħajr dewmien bla bżonn, sakemm il-partijiet ma jiddeċidux li jiftiehem mod ieħor sabiex jiġu previsti mudelli oħrajn ta' forniment."

Rekwiżiti soġġettivi għall-konformità tal-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali

1. **Il-fornitur għandu jipprovdi lill-konsumatur kontenut diġitali jew servizz diġitali li jikkonforma mal-kuntratt.**³⁵ Sabiex jikkonforma mal-kuntratt, il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali għandu, **b'mod partikolari, fejn applikabbli:**
 - (a) jikkorrispondi mad-**deskrizzjoni**, il-kwantità u l-kwalità, (...) u għandu jkollu funzjonalità, **kompatibbiltà**, interoperabbiltà u (...) karatteristiċi (...) oħrajn³⁶, kif meħtieġ mill-kuntratt³⁷;
 - (b) ikun tajjeb għal kwalunkwe skop partikolari li għalih ikun meħtieġ mill-konsumatur u li l-konsumatur ikun għarraf lill-fornitur dwaru fil-mument meta jkun ġie konkluż il-kuntratt u li jkun ġie aċċettat mill-fornitur;

³⁵ Din is-sentenza addizzjonali tirrifletti l-filosofija tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 1999/44/KE billi tistabbilixxi b'mod espliċitu l-obbligu tal-fornitur.

³⁶ Ser jingħataw **speċifikazzjonijiet oħrajn tal-kriterji ta' konformità u eżempji** tal-karatteristiċi tal-kontenut jew tas-servizz diġitali fi premessa li tista' tkun ifformulata kif ġej:

*"Jenħtieġ li l-kontenut jew is-servizz diġitali jikkonforma mar-rekwiżiti miftiehma bejn il-fornitur u l-konsumatur fil-kuntratt. B'mod partikolari, jenħtieġ li jikkonforma mad-deskrizzjoni, il-kwantità, pereżempju n-numru ta' fajls tal-mużika li jista' jkun hemm aċċess għalihom, il-kwalità, pereżempju r-riżoluzzjoni tal-istampa, it-tul pereżempju kemm idum għaddej il-film, il-lingwa u l-verżjoni miftiehma fil-kuntratt. Jenħtieġ ukoll li jkollu s-sigurtà, il-funzjonalità, **il-kompatibbiltà**, l-interoperabbiltà u karatteristiċi oħrajn, **bħall-prestazzjoni**, l-aċċessibbiltà u l-kontinwità **pereżempju jekk il-kontenut jew is-servizz ikunx ġie interrott jew le**, kif meħtieġ mill-kuntratt."*

³⁷ Barra minn hekk, fil-premessi jista' jiġi ċċarat kif ġej, li jenħtieġ li r-rekwiżiti tal-kuntratt jinkludu l-**informazzjoni prekuntrattwali** li, f'konformità mad-Direttiva 2011/83/UE, tikkostitwixxi parti integrali mill-kuntratt:

"Jenħtieġ li r-rekwiżiti tal-kuntratt jinkludu dawk li jirriżultaw mill-informazzjoni prekuntrattwali li, f'konformità mad-Direttiva 2011/83/UE, tikkostitwixxi parti integrali mill-kuntratt."

(c) ikun ipprovdut flimkien ma' kwalunkwe **aċċessorju**, struzzjoni u assistenza għall-klijent, kif stipulat mill-kuntratt; u

(d) jiġi aġġornat kif stipulat mill-kuntratt³⁸.

2. (...) ³⁹

3. (...) ⁴⁰

4. (...) ⁴¹.

5. (...) ⁴².

³⁸ Fil-premessi tista' tizzied spjegazzjoni kif ġej:

*"Peress li l-kontenut u s-servizzi diġitali qegħdin kulma jmur dejjem jiżviluppaw, il-fornituri jistgħu jaqblu mal-konsumaturi li jipprovdu aġġornamenti u karatteristiċi ġodda hekk kif dawn isiru disponibbli. Għalhekk jenħtieġ li l-konformità tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali tiġi vvalutata wkoll b'rabta ma' jekk il-kontenut jew is-servizz diġitali jkunx ġie aġġornat bil-mod li jkun ġie stipulat fil-kuntratt. Jenħtieġ li n-nuqqas ta' **aġġornamenti** li jkunu miġfiehma fil-kuntratt jitqies bħala nuqqas ta' konformità tal-kontenut jew tas-servizz diġitali mal-kuntratt. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aġġornamenti difettużi jew li ma jkunux kompleti jitqiesu wkoll bħala nuqqas ta' konformità tal-kontenut jew tas-servizz diġitali mal-kuntratt, peress li dan ikun ifisser li ma jkunux twettqu bil-mod stipulat fil-kuntratt."*

³⁹ Il-kriterji oġġettivi ta' konformità tmexxew għal Artikolu separat (l-Artikolu 6a ġdid).

⁴⁰ Il-paragrafu 3 tmexxa għall-Artikolu 6a(3a).

⁴¹ Il-paragrafu 4 tmexxa għall-Artikolu 6a(3).

⁴² Il-paragrafu 5 tmexxa għall-Artikolu 6a(4).

Artikolu 6a

Rekwiżiti oġġettivi għall-konformità tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali

1. (...) Minbarra li jikkonforma ma' kwalunkwe rekwiżit ta' konformità stipulat fil-kuntratt, il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali għandu:
 - (a) ikun adatt għall-iskop li għalih jintuża normalment kontenut diġitali **jew servizz diġitali** tal-istess tip, b'kont meħud, fejn **japplika**, ta' kwalunkwe liġi (...) **nazzjonali u tal-Unjoni** eżistenti, ta' kwalunkwe standard tekniku eżistenti jew, fin-nuqqas ta' tali standards tekniċi, ta' kwalunkwe kodiċi ta' kondotta industrijali eżistenti **speċifiku għas-settur (...)**;
 - (b) **ikun fil-kwantità u jkollu l-kwalitajiet**, il-funzjonalità, **il-kompatibbiltà** u karatteristiċi oħrajn, bħall-**prestazzjoni**, l-aċċessibbiltà, il-kontinwità **jew is-sigurtà**, **inkluż aġġornamenti ta' sigurtà**,⁴³ **li huma normali għall-użu ta' kontenut diġitali jew servizz diġitali tal-istess tip u li jista' jkun raġonevoli li l-konsumatur jistenna**⁴⁴, b'kont meħud ta' kwalunkwe dikjarazzjoni pubblika li tkun saret (...) mill-fornitur jew persuni oħra fil-ħoloq **preċedenti** fil-katina tat-transazzjonijiet sakemm il-fornitur ma jurix li

⁴³ Ser ikun hemm premessa li ser tipprovdi aktar ċarezza dwar l-aġġornamenti tas-sigurtà:

"Jenħtieġ li l-valutazzjoni oġġettiva tal-konformità tkun ibbażata wkoll fuq jekk il-fornitur jiżgurax livell kostanti ta' funzjonament sikur tal-kontenut jew tas-servizz diġitali billi joħroġ l-aġġornamenti tas-sigurtà meħtieġa, li huma normali għal kontenut diġitali jew servizz diġitali tal-istess tip, sabiex jiġu indirizzati theddidiet emerġenti għas-sigurtà u l-vulnerabbiltajiet għat-tul ta' żmien meħtieġ filwaqt li jittieħed kont tat-termini u n-natura tal-kuntratt. Pereżempju, fil-każ ta' kontenut diġitali jew servizzi diġitali fornuti lill-konsumaturi b' mod kontinwu matul perijodu ta' żmien, dan l-obbligu jibqa' japplika għaż-żmien li fih il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jkun disponibbli jew aċċessibbli għall-konsumatur."

⁴⁴ Ser jiġi spjegat fil-premessi li "*jenħtieġ li l-istandard ta' raġonevolezza fir-rigward ta' kwalunkwe referenza f'din id-Direttiva għal dak li persuna tista' raġonevolment tistenna jew dak li jista' jkun raġonevolment mistenni minn persuna jiġi aċċertat b' mod oġġettiv, billi jitqiesu n-natura u l-iskop tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali, iċ-ċirkostanzi tal-każ u l-użu u l-prattika tal-partijiet involuti. B' mod partikolari, jenħtieġ li jiġi aċċertat b' mod oġġettiv iż-żmien raġonevoli li fih il-kontenut għandu jinġiebu f'konformità mal-kuntratt, b'kont meħud tan-natura tan-nuqqas ta' konformità."*

- (i) ma kienx, u ma setax raġonevolment ikun konxju mid-dikjarazzjoni inkwistjoni;
- (ii) sal-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt, id-dikjarazzjoni kienet ġiet ikkorreġuta; **jew**
- (iii) **id-deċiżjoni li jinkiseb il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali** ma setgħetx ġiet influwenzata mid-dikjarazzjoni; **u**

(c) **jiġi fornut flimkien ma' kwalunkwe aċċessorju u struzzjoni li jista' jkun raġonevoli li jistenna li jirċievi l-konsumatur;**

(d) **jikkonforma ma' kwalunkwe verżjoni prova jew wirja qabel ma l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jsir disponibbli għall-pubbliku, li tkun tqiegħdet għad-dispożizzjoni mill-fornitur qabel ma jiġi konkluż il-kuntratt (...);**

(e) **jiġi aġġornat kif meħtieġ għall-funzjonament tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali.**

2. **Ma għandu jkun hemm ebda nuqqas ta' konformità fit-tifsira tal-paragrafu 1 jekk, fil-mument meta ġie konkluż il-kuntratt, il-konsumatur ikun ġie infurmat b'mod speċifiku li karatteristika partikolari tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali kienet qed tiddevja mir-rekwiżiti tal-konformità stipulati fil-paragrafu 1 u l-konsumatur ikun b'mod espliċitu u separatament aċċetta din id-devjazzjoni meta jkun qed jiġi konkluż il-kuntratt.**⁴⁵

3.⁴⁶ Sakemm **ma jkunx ġie maqbul mod ieħor bejn il-partijiet**, il-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** għandu jiġi pprovdut f'konformità mal-aktar verżjoni reċenti tal-kontenut diġitali **jew tas-servizz diġitali** li tkun disponibbli fil-mument meta jiġi konkluż il-kuntratt.

⁴⁵ Ser ikun hemm premessa li tiċċara din id-dispożizzjoni kif ġej:

"Devjazzjoni mir-rekwiżiti oġġettivi ta' konformità għandha tkun possibbli biss jekk il-konsumatur ikun speċifikament infurmat b'dan, u għalhekk kien jaf jew ma setax raġonevolment ma jkunx jaf bid-devjazzjoni, u l-konsumatur jaċċetta dan separatament minn dikjarazzjonijiet jew ftehimiet oħra u permezz ta' mġiba attiva u mhux ekwivoka. Iż-żewġ kondizzjonijiet jistgħu pereżempju jiġu ssodisfati billi tiġi mmarkata kaxxa jew tiġi attivata buttuna jew funzjoni simili."

⁴⁶ L-Artikolu 6(4) tal-proposta tal-Kummissjoni.

- 3a.**⁴⁷ Fejn il-kuntratt jistipula li l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** għandu jiġi pprovdut fuq perijodu ta' żmien, il-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** għandu jkun konformi (...) tul dak il-perijodu ta' żmien kollu.
- 4.**⁴⁸ **Sabiex ikun konformi** (...), il-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali għandu** jissodisfa wkoll ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7.

Artikolu 7

Integrazzjoni tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali

Fejn il-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** jiġi integrat b'mod żbaljat fl-ambjent diġitali tal-konsumatur, kwalunkwe nuqqas ta' konformità li tirriżulta mill-integrazzjoni żbaljata għandu jitqies bħala nuqqas ta' konformità **mal-kuntratt** jekk:

- (a) il-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** jkun ġie integrat mill-fornitur jew taħt ir-responsabbiltà tal-fornitur; jew
- (b) il-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** kien maħsub li jiġi integrat mill-konsumatur u l-integrazzjoni żbaljata kienet dovuta għal nuqqasijiet⁴⁹ fl-istruzzjonijiet għall-integrazzjoni fejn daww l-istruzzjonijiet ikunu ġew **ipprovduti mill-fornitur**.

⁴⁷ L-Artikolu 6(3) tal-proposta tal-Kummissjoni.

⁴⁸ L-Artikolu 6(5) tal-proposta tal-Kummissjoni.

⁴⁹ Il-premessi jistgħu jiċċaraw li l-istruzzjonijiet għall-installazzjoni li ma jkunux sħaħ jew ċari, tant li ma jkunux gwida tajba għall-konsumatur medju, jenħtieġ li jitqiesu bħala "nuqqasijiet".

Drittijiet ta' partijiet terzi⁵⁰

1. (...) **Il-** kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** ma għandu **jikser** ebda dritt ta' parti terza, **b'mod partikolari drittijiet** ta' proprjetà intellettuali **li jista' jimpedixxi l-użu tal-** kontenut diġitali **jew tas-servizz diġitali** f'konformità mal-**Artikoli 6 u 6a**.
2. **F'każ li jseħħ tali ksur, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-konsumatur ikun intitolat għar-rimedji għan-nuqqas ta' konformità previsti mill-Artikolu 12, sakemm il-liġi nazzjonali ma tippredix in-nullità jew ir-revoka tal-kuntratt għall-forniment tal-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali bħala riżultat ta' tali ksur.**

⁵⁰ Dan l-Artikolu ser jiġi spjegat aktar fi premessa kif ġej:

"Il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali għandu jkun konformi ma' kwalunkwe dritt ta' parti terza, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq il-proprjetà intellettuali, sabiex l-użu tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali f'konformità mal-kuntratt ma jkunx ostakolat. Il-ksur tad-drittijiet ta' parti terza jista' effettivament jostakola t-tgawdija mill-konsumatur tal-kontenut diġitali jew ta' wħud mill-karatteristiċi tiegħu pereżempju jekk il-parti terza tobbliga, kif inhu xieraq, lill-fornitur jiegħaf jikser dawk id-drittijiet u ma jkomplix joffri l-kontenut diġitali inkwistjoni. Id-difetti legali huma ta' importanza partikolari għall-kontenut diġitali, li, min-natura tiegħu, huwa soġġett għal drittijiet ta' proprjetà intellettuali. Fil-każ ta' ksur tad-drittijiet ta' parti terza, jenħtieġ li din id-Direttiva ma taffettwax il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri li jipprevedu n-nullità tal-kuntratt, jew ir-revoka tiegħu, pereżempju minħabba ksur ta' garanzija legali kontra l-evizzjoni."

Artikolu 9⁵¹

Responsabbiltà tal-fornitur

Il-fornitur għandu jkun responsabbli (...) għal

- (a) kwalunkwe nuqqas ta' provvista tal-kontenut diġitali **jew tas-servizz diġitali f'konformità mal-Artikolu 5;**
- (b) kwalunkwe nuqqas ta' konformità **tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali**
 - (i) li jeżisti fil-mument **tal-provvista, fejn il-kuntratt jipprevedi att uniku ta' provvista jew serje ta' atti individwali ta' provvista;**⁵² **jew**
 - (ii) li jseħħ matul il-perijodu **tal-kuntratt** fejn il-kuntratt jipprevedi **l-provvista kontinwa** tul perijodu ta' żmien (...).

Artikolu 9a

Skadenzi

1. **Fil-każijiet imsemmija fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 9, jekk skont il-leġislazzjoni nazzjonali l-fornitur ikun responsabbli biss għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità li jitfaċċa fi ħdan perijodu ta' żmien partikolari wara l-provvista, dak il-perijodu ma għandux ikun ta' inqas minn sentejn mill-mument tal-provvista.**

⁵¹ Niġbdu l-attenzjoni dwar il-fatt li l-ordni tal-Artikoli 9 u 10 inqaleb, peress li deher li kien iktar loġiku li r-regola dwar l-oneru tal-provi tiġi wara r-regola li tistabbilixxi r-responsabbiltà tal-fornitur.

⁵² Fil-premessi jistgħu jiddaħħlu spjegazzjonijiet oħrajn li jistgħu jiġu fformulati kif ġej filwaqt li l-premessa 34 tal-proposta tal-Kummissjoni tittieħed bħala punt tat-tluq:

"Jenħtieġ li l-fornitur ikun responsabbli vis-à-vis il-konsumatur fil-każ ta' nuqqas ta' konformità (...) u għal kwalunkwe nuqqas li jipprovdni l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali. Peress li l-kontenut diġitali jew is-servizzi diġitali jistgħu jiġu pprovduti lill-konsumaturi permezz ta' att ta' provvista individwali wieħed jew aktar jew kontinwament fuq perijodu ta' żmien, ikun iġġustifikat li jenħtieġ li l-mument meta tiġi stabbilita l-konformità tal-kontenut jew tas-servizz diġitali jiġi ddeterminat skont dawk il-mument ta' provvista differenti.

Il-kontenut diġitali jista' jiġi pprovdut lill-konsumaturi permezz ta' att uniku ta' provvista, pereżempju meta l-konsumaturi jniżżlu ktieb elettroniku u jaħżnuh fuq l-apparat personali tagħhom. Bl-istess mod, il-provvista tista' tikkonsisti f'sensiela ta' atti individwali bħal dawn, pereżempju meta l-konsumaturi jirċievu link biex iniżżlu ktieb elettroniku ġdid kull ġimgħa.

2. **Fil-każijiet imsemmija fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 9, il-fornitur għandu jinżamm responsabbli skont l-Artikolu 12 għal nuqqas ta' konformità li titfaċċa matul il-perijodu li jidm għaddej il-kuntratt.**
3. **Jekk, skont il-leġislazzjoni nazzjonali, id-drittijiet stipulati fl-Artikolu 12 jiġu soġġetti għal perijodu ta' limitazzjoni, dak il-perijodu m'għandux jiskadi qabel sentejn:**
 - (i) **fil-każijiet imsemmija fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 9, mill-mument tal-provvista;**
 - (ii) **fil-każijiet imsemmija fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 9, mit-tmiem tal-kuntratt jew mill-mument meta l-konsumatur isir konxju jew jitqies li jkun konxju min-nuqqas ta' konformità, skont liema minnhom tiġi l-ewwel.**⁵³

Tkompli n-nota 52 f'qiegħ il-paġna mill-paġna preċedenti:

L-element distintiv ta' din il-kategorija ta' kontenut diġitali huwa l-fatt li minn hemm 'il quddiem il-konsumaturi għandhom il-possibbiltà li jaċċessaw u jużaw il-kontenut diġitali b'mod indefinit. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-konformità tal-kontenut diġitali tiġi vvalutata fil-mument tal-provvista, u għalhekk jenħtieġ li l-fornitur ikun responsabbli biss għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità li teżisti fil-mument meta jsir l-att uniku ta' provvista jew meta jsir kull att ta' provvista individwali.

Il-kontenut diġitali jew is-servizzi diġitali jistgħu wkoll jiġu pprovduti lill-konsumaturi b'mod kontinwu fuq perijodu ta' żmien. Il-provvista kontinwa tista' tinkludi każijiet fejn il-fornitur iqiegħed servizz għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi għal perijodu ta' żmien fiss jew indefinit, bħal kuntratt ta' sentejn ta' ħżin fil-cloud jew sħubija indefinita fi pjattaforma tal-mezzi tal-informazzjoni soċjali. L-element distintiv ta' din il-kategorija huwa l-fatt li l-kontenut jew is-servizz diġitali jkun disponibbli jew aċċessibbli għall-konsumaturi biss matul il-perijodu ta' żmien fiss tal-kuntratt jew sakemm idum fis-seħħ il-kuntratt għal żmien indefinit. Għaldaqstant, huwa ġġustifikat li jenħtieġ li f'każijiet bħal dawn il-fornitur ikun responsabbli biss għal nuqqas ta' konformità li titfaċċa matul dan il-perijodu ta' żmien. L-element ta' provvista kontinwa ma għandux neċessarjament jirrikjedi provvista fuq perijodu ta' żmien twil. Każijiet bħall-istreaming online ta' filmat jenħtieġ li jitqiesu bħala provvista kontinwa matul perijodu ta' żmien, irrispettivament minn kemm fil-fatt idum il-fajl awdjoviżiv. Jenħtieġ li l-każijiet fejn l-elementi speċifiċi tal-kontenut diġitali jew tas-servizz isiru disponibbli perjodikament jew f'diversi okkażjonijiet matul perijodu ta' żmien, jitqiesu wkoll bħala provvista kontinwa matul perijodu ta' żmien, pereżempju meta l-kuntratt jistipula li software anti-virus ser jiġi aġġornat awtomatikament fl-ewwel jum ta' kull xahar fil-perijodu kuntrattwali ta' sena, jew li l-fornitur għandu jgħodġ aġġornamenti kull meta jsiru disponibbli karatteristiċi ġodda ta' loġħob diġitali, u l-kontenut jew is-servizz diġitali jkun biss disponibbli jew aċċessibbli għall-konsumaturi matul il-perijodu ta' żmien fiss tal-kuntratt jew għat-tul ta' żmien li jidm fis-seħħ il-kuntratt għal żmien indefinit."

⁵³ Dan jista' jiġi oċarat bi premissa kif ġej:

"Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jirregolaw il-perijodi ta' limitazzjoni nazzjonali. Madankollu, dawn il-perijodi ta' limitazzjoni m'għandhomx jipprevjenu lill-konsumaturi milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom matul il-perijodu kollu li fih il-fornitur ikun responsabbli għal nuqqas ta' konformità. Filwaqt li din id-Direttiva m'għandhiex għalhekk tarmonizza l-mument meta jibdew jiddekorru l-perijodi ta' limitazzjoni nazzjonali, jenħtieġ li din tiżgura li dawn il-perijodi ma jiskadux qabel it-tmiem tal-perijodu li matulu l-fornitur ikun responsabbli għal nuqqas ta' konformità."

Artikolu 10

Oneru tal-provi

1. Il-fornitur għandu jkollu l-oneru tal-provi b'rabta ma' **jekk il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jkunx ġie pprovdut f'konformità mal-Artikolu 5.**
- 1a. **Fil-każijiet imsemmija fil-punt (b)(i) tal-Artikolu 9, il-fornitur għandu jkollu l-oneru tal-provi, b'rabta ma' jekk il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali li jkun ġie pprovdut kienu jikkonforma fil-mument tal-provvista, għal nuqqas ta' konformità li jitfa' fil-perijodu ta' sena minn meta l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jkun ġie pprovdut.**
- 1b. **Fil-każijiet imsemmija fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 9, il-fornitur għandu jkollu l-oneru tal-provi, b'rabta ma' jekk il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali kienu jikkonforma matul il-perijodu li jdum għaddej il-kuntratt, għal nuqqas ta' konformità li jitfa' fil-perijodu li jdum għaddej il-kuntratt.**
2. **Il-paragrafu 1a u 1b ma għandhomx japplikaw meta l-fornitur juri li l-ambjent diġitali tal-konsumatur mhux kompatibbli (...) mar-rekwiżiti tekniċi tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali u meta l-fornitur ikun informa lill-konsumatur b'tali rekwiżiti b'mod ċar u li jinftiehem qabel ma jkun ġie konkluż il-kuntratt.**
3. Il-konsumatur għandu jikkoopera mal-fornitur sa fejn ikun **raġonevolment** possibbli u meħtieġ **biex jiġi aċċertat jekk il-kawża għan-nuqqas ta' konformità tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali fil-mument speċifikat fil-punti (b)(i) jew (b)(ii) tal-Artikolu 9, kif applikabbli, tirriżultax mill-ambjent diġitali tal-konsumatur.** L-obbligu ta' kooperazzjoni għandu jkun limitat għall-mezzi teknikament disponibbli li jkunu l-inqas intrużivi għall-konsumatur. Meta l-konsumatur ma jikkooperax, il-konsumatur għandu jkollu l-oneru tal-provi b'rabta ma' **jekk in-nuqqas ta' konformità** eżistiex fil-mument speċifikat fil-punti (b)(i) jew (b)(ii) tal-Artikolu 9, kif applikabbli.

Artikolu 11

Rimedju għan-nuqqas tal-provvista

1. Meta l-fornitur ma jkunx ipprovda l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** f'konformità mal-Artikolu 5, **il-konsumatur għandu jitlob lill-fornitur biex jipprovdi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali. Jekk imbagħad il-fornitur ma jipprovdi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali mingħajr dewmien bla bżonn⁵⁴, jew fi żmien addizzjonali kif maqbul b'mod espliċitu bejn il-partijiet**, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jgħid li l-kuntratt (...).
2. **Il-paragrafu 1 ma għandux japplika u l-konsumatur għandu jkun intitolat li jgħid li l-kuntratt immedjatament meta:**
 - (a) **il-konsumatur u l-fornitur ikunu ftehm, jew fejn ikun ċar miċ-ċirkostanzi li fihom għie konkluż il-kuntratt, li hu essenzjali li jkun hemm perijodu speċifiku ta' żmien għall-provvista u l-fornitur ma jkunx ipprovda l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali sa dak iż-żmien jew fih; jew**
 - (b) **il-fornitur ikun iddikjara, jew ikun jidher ċar miċ-ċirkostanzi, li l-fornitur ma jkunx ser jipprovdi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali.**

⁵⁴ Huwa ssuġġerit li jiġi ċċarat fi premissa li, minħabba n-natura tal-kontenut diġitali, "mingħajr dewmien bla bżonn" f'bosta ċirkostanzi tista' tfisser "immedjatament". Tali premissa tista' tiġi fformulata kif ġej:

"Meta b'segwitu għal nuqqas ta' provvista, il-fornitur jintalab mill-konsumatur biex jipprovdi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali mingħajr dewmien bla bżonn, jenħteġ li l-fornitur jaġixxi malajr kemm jista' jkun. Meta jitqies li l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jiġi pprovdat f'forma diġitali, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-provvista ma teħtieġ l-ebda perijodu ta' żmien addizzjonali biex il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur. Għalhekk, f'ċerti każijiet, jenħteġ li l-fornitur jipprovdi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali immedjatament."

2. Il-fornitur għandu jiżgura li l-kontenut diġitali jew **is-servizz diġitali jsir** konformi (...) skont il-paragrafu 1 fi ħdan perijodu ta' żmien raġonevoli⁵⁷ mill-mument li fih il-fornitur ikun ġie infurmat mill-konsumatur dwar in-nuqqas ta' konformità (...), **mingħajr ħlas** u mingħajr ebda inkonvenjent sinifikanti għall-konsumatur, b'kont meħud tan-natura **tal**-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** u l-iskop li għalih il-konsumatur kien jeħtieġ **il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali**.⁵⁸
3. Il-konsumatur għandu jkun intitolat jew għal tnaqqis **xieraq** tal-prezz **f'konformità mal**-paragrafu 4 meta l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** jingħata bi skambju għal ħlas ta' prezz, jew **it-terminazzjoni tal-kuntratt f'konformità mal**-paragrafu 5 (...), **fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:**
- (a) ir-rimedju biex il-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** jikkonforma ma jkunx possibbli⁵⁹ **jew** ikun sproporzjonat **f'konformità mal-paragrafu 1;**
- (b) il-fornitur ma jkunx **għab il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali konformi skont il**-paragrafu 2;

⁵⁷ Premessa tista' tiċċara li ma hemm xejn li jimpedixxi lill-konsumatur u l-fornitur milli jiftiehem fuq skadenza sa meta l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jsir konformi.

⁵⁸ Jenħtieġ li tkun premessa (u mhux l-Artikolu 3(9)) li tiċċara li l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jirregolaw id-dritt tal-konsumatur li jżomm il-ħlas sakemm il-fornitur jiżgura li l-kontenut diġitali jew is-servizzi diġitali jsiru konformi. Jenħtieġ ukoll li l-premessi jiċċaraw li l-Istati Membri huma liberi li jirregolaw jekk il-fornitur għandux ikun intitolat li jżomm kwalunkwe ħlas lura dovut lill-konsumatur hekk kif il-kuntratt jiġi tterminat sakemm il-konsumatur jikkonforma mal-obbligu tiegħu li jibgħat l-mezz taṅgibbli lura lill-fornitur. Test propost li għandu jidher fil-Premessa 10:

"Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu wkoll liberi li jirregolaw id-drittijiet tal-partijiet li jastjenu milli jwettqu l-obbligi taṅgħom jew parti minnhom sakemm il-parti l-oħra twettaq l-obbligi taṅgħha. Pereżempju, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu liberi li jirregolaw jekk il-konsumatur, f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità, għandux ikun intitolat li jissospendi l-ħlas tal-prezz jew parti minnu sakemm il-fornitur jiżgura li l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jsir konformi, jew jekk il-fornitur għandux ikun intitolat li jżomm kwalunkwe ħlas lura dovut lill-konsumatur hekk kif il-kuntratt jiġi tterminat sakemm il-konsumatur jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 13b(2) li jibgħat l-mezz taṅgibbli lura lill-fornitur."

⁵⁹ Ara n-nota 56 f'qiegħ il-paġna iktar 'il fuq dwar il-kunċett ta' impossibbiltà skont l-Artikolu 12(1).

- (ba) **in-nuqqas ta' konformità jitfaċċa minkejja t-tentattiv min-naħa tal-fornitur biex jiżgura li l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jikkonforma;**
- (c) **in-nuqqas ta' konformità tant hu ta' natura serja li jiġġustifika t-tnaqqis immedjat fil-prezz jew it-terminazzjoni immedjata tal-kuntratt;**⁶⁰
- (d) il-fornitur ikun iddikjara, jew ikun jidher ċar (...) miċ-ċirkostanzi, li l-fornitur ma jkunx ser jiżgura li l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali jikkonforma fi żmien raġonevoli jew mingħajr inkonvenjent sinifikanti għall-konsumatur.**

4.⁶¹ It-traħħis fil-prezz għandu jkun proporzjonat għat-tnaqqis fil-valur tal-kontenut diġitali **jew tas-servizz diġitali li jkun ġie pprovdut lill-konsumatur meta mqabbel mal-valur li jkollu l-kontenut jew is-servizz diġitali kieku kien jikkonforma.**

Fejn il-kuntratt jistipula li l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali għandu jiġi pprovdut fuq perijodu ta' żmien** bi skambju għall-ħlas ta' prezz (...), **it-traħħis fil-prezz għandu japplika għall-perijodu ta' żmien li matulu l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali** ma kienx konformi.

⁶⁰ Aktar spjegazzjonijiet u eżempji jistgħu jingħataw fil-premessi kif ġej:

"F'ċerti każijiet huwa ġġustifikat li jenħtieġ li l-konsumatur ikun intitolat li jitrahħaslu l-prezz jew li l-kuntratt jiġi tterminat immedjatament, pereżempju fejn il-konsumatur ma jistax jiġi mistenni li jibqa' fiduċjuż fil-kapaċità tal-fornitur li jiżgura li l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jikkonforma minħabba n-natura serja tan-nuqqas ta' konformità, nuqqas preċedenti min-naħa tal-fornitur biex jiżgura li l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jikkonforma jew fejn ikun ċar li l-fornitur ma jistax jiżgura li l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jikkonforma. Pereżempju, jenħtieġ li l-konsumatur ikun intitolat li jitlob direttament it-terminazzjoni tal-kuntratt jew it-traħħis fil-prezz meta l-konsumatur jiġi pprovdut software anti-virus li fih innifsu huwa infettat b'viruses u jikkostitwixxi eżempju ta' dan in-nuqqas serju ta' konformità."

⁶¹ L-ispiegazzjonijiet jistgħu jiġu inklużi fil-premessi biex ikomplu jiċċaraw l-Artikolu 12(4) kif ġej:

"F'sitwazzjoni fejn il-konsumatur huwa intitolat għal traħħis fil-prezz imħallas għall-kontenut diġitali jew għas-servizz diġitali li jkun ġie pprovdut fuq perijodu ta' żmien, jenħtieġ li l-kalkolu tat-traħħis fil-prezz iqis it-tnaqqis fil-valur kemm minħabba n-nuqqas ta' konformità kif ukoll minħabba ż-żmien li matulu l-konsumatur ma setax igawdi l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali konformi."

5. **Meta l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jkun ġie pprovdut bi skambju għall-ħlas ta' prezz, il-konsumatur għandu jkun intitolat** jitttermina l-kuntratt biss jekk in-nuqqas ta' konformità **ma jkunx wieħed minuri**. Il-fornitur għandu jkollu l-oneru tal-provi li n-nuqqas ta' konformità **hu wieħed minuri**.

Artikolu 13

Eżerċizzju tad-dritt ta' terminazzjoni

Il-konsumatur għandu jeżerċita d-dritt li jitttermina l-kuntratt (...) permezz ta' **dikjarazzjoni lill-fornitur li tesprimi d-deċiżjoni tal-konsumatur li jitttermina l-kuntratt.**⁶²

(...)

⁶² Il-formulazzjoni fil-paragrafu 1 ġiet ispirata mil-lingwaġġ li ntuża fil-punt (b) tal-Artikolu 11(1) tas-CRD.

Artikolu 13a

Obbligi tal-fornitur fil-każ ta' terminazzjoni

1. (...) **Fil-każ tat-terminazzjoni tal-kuntratt, il-fornitur għandu jrodd lura lill-konsumatur il-ħlasijiet kollha li saru skont il-kuntratt.**

⁶³Madankollu, f'każijiet fejn il-kuntratt jipprevedi l-provvista tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali fuq perijodu ta' żmien u l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali kien jikkonforma għal perijodu ta' żmien qabel ma jkun ġie tterminat il-kuntratt, il-fornitur għandu jrodd lura lill-konsumatur parti biss mill-prezz imħallas li jikkorrispondi mal-perijodu ta' żmien li matulu l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali ma kienx konformi, u kwalunkwe parti mill-prezz imħallas bil-quddiem mill-konsumatur għal kwalunkwe perijodu li jkun fadal mill-kuntratt li kieku dan ma ġiex itterminat.

2. **Fir-rigward tad-data personali tal-konsumatur il-fornitur għandu jikkonforma mal-obbligi li japplikaw skont ir-Regolament (UE) Nru 2016/679 (...).**

⁶³ It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13a(1) jirregola l-kwistjoni ta' ħlas lura parzjali f'każ ta' terminazzjoni tal-kuntratt. Dan ma jirreferix biss għal "provvista kontinwa", iżda għall-każijiet kollha fejn il-kontenut diġitali jkun fornut fuq perijodu ta' żmien, u għalhekk jenħtieġ li l-konsumatur jiġi biss parzjalment rimborżat meta l-kontenut jew is-servizz diġitali ma kienx f'konformità matul ċerti partijiet biss ta' dak il-perijodu.

3. **Barra minn hekk, il-fornitur għandu jqiegħed kwalunkwe kontenut diġitali għad-dispożizzjoni⁶⁴ tal-konsumatur-(...) dment li dan ma jikkostitwixxix data personali, li kienet ittellgħet jew inħolqot mill-konsumatur meta kien qed juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali pprovdut mill-fornitur.**

Il-fornitur m'għandux jintalab jagħmel disponibbli dan il-kontenut diġitali maħluq mill-konsumatur waqt l-użu tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali dment li dan il-kontenut diġitali maħluq mill-konsumatur ikun biss utli fil-kuntest tal-użu tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali pprovdut mill-fornitur, jew ikun marbut biss mal-attività tal-konsumatur waqt l-użu tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali pprovdut mill-fornitur, jew li jkun ġie aggregat ma' data oħra mill-fornitur u ma jkunx jista' jiġi diżaggregat jew jekk mhux bi sforzi sproporzjonati.

Il-konsumatur għandu jkun intitolat li **jirkupra dak** il-kontenut **diġitali** mingħajr ħlas, mingħajr **tfixkil** mill-fornitur, fi żmien raġonevoli u f'format ta' data li jintuża komunement u li **jinqara mill-magni**.

Il-fornitur għandu wkoll iżomm lura milli juża kwalunkwe kontenut diġitali li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur skont dan l-Artikolu, sakemm ma jkunx hemm iktar minn konsumatur wieħed li jkun iġġenera l-kontenut partikolari u konsumaturi oħra jkunu jistgħu jagħmlu użu minnu.

4. (...) **Il-fornitur jista' jipprevjeni kwalunkwe użu ulterjuri tal-kontenut diġitali jew ta' servizz diġitali** mill-konsumatur, b'mod partikolari billi jneħħi l-aċċess tal-konsumatur għall-kontenut diġitali **jew għas-servizz diġitali** jew billi jneħħilu l-awtorizzazzjoni tal-kont tal-utent, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3.

⁶⁴ Il-mezzi kif id-data tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumatur, bħall-istabbiliment ta' interfaċċa għall-iskambju tad-data, jistgħu jissemew bħala eżempji fil-premessi.

Artikolu 13b

Obbligi tal-konsumatur fil-każ ta' terminazzjoni

1. **Wara li l-kuntratt jiġi tterminat, il-konsumatur għandu jibqa' lura milli juża l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali u milli jqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' partijiet terzi (...).**
2. **Fejn il-kontenut diġitali jkun ġie pprovdut fuq mezz **tanġibbli**, fuq talba tal-fornitur, il-konsumatur għandu jirritorna l-mezz **tanġibbli** lill-fornitur, bi spejjeż għall-fornitur, mingħajr dewmien bla bżonn wara li jkun irċieva t-talba mill-fornitur. **Jekk il-fornitur jiddeċiedi li jitlob lura l-mezz tanġibbli, dik it-talba għandha ssir fi żmien 14-il jum mill-jum li fih il-fornitur jiġi infurmat bid-deċiżjoni tal-konsumatur li jittermina l-kuntratt.****
3. Il-konsumatur ma għandu jkun responsabbli biex iħallas għal-ebda użu li jsir mill-kontenut diġitali **jew mis-servizz diġitali** fil-perijodu qabel ma jiġi tterminat il-kuntratt **li matulu l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali ma kienx konformi.**

Artikolu 13c⁶⁵

Skadenzi u mezzi ta' ħlas lura mill-fornitur

1. Kwalunkwe ħlas lura li għandu jsir mill-fornitur lill-konsumatur skont l-Artikolu 12(4) jew 13a(1) minħabba traħħis fil-prezz jew terminazzjoni tal-kuntratt għandu jsir mingħajr dewmien bla bżonn u fi kwalunkwe każ **fi żmien 14-il jum mill-jum li fih il-fornitur jiġi infurmat bid-deċiżjoni tal-konsumatur li jinvoka d-dritt tiegħu għal traħħis fil-prezz jew id-dritt tiegħu li jittermina l-kuntratt.**

⁶⁵ L-Artikolu 13c ġdid jgħaqqad f'Artikolu wieħed separat id-dispożizzjonijiet dwar l-iskadenzi u l-mezzi ta' ħlas lura mill-fornitur, li preċedentement kienu jinsabu fl-Artikolu 12(4) u l-Artikolu 13a(1).

2. **Il-fornitur għandu jwettaq il-ħlas lura billi juża l-istess mezz ta' pagament bħalma uża l-konsumatur biex iħallas għall-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali, sakemm il-konsumatur ma jaqbilx b'mod espliċitu mod ieħor u dment li l-konsumatur ma jeħel l-ebda tariffa bħala riżultat tal-ħlas lura.**
3. **Il-fornitur ma għandu jimponi l-ebda tariffa fuq il-konsumatur fir-rigward tal-ħlas lura.**

Artikolu 14

(...)⁶⁶

⁶⁶ F'konformità mal-punti 15 u 16 tal- "Linji gwida politiċi" ta' Ġunju 2016 (dok. 9768/16), l-Artikolu 14 tħassar.

Huwa ssuġġerit li tiġi inkluża kjarifika fil-premessi li l-liġi nazzjonali tirregola d-danni. Tali kjarifika tista' tiġi fformulata kif ġej:

"Din id-Direttiva ma tirregola l-ebda dritt għall-kumpens għad-danni kkawżati lill-konsumatur minn nuqqas ta' konformità tal-kontenut diġitali jew tal-faċilità mal-kuntratt jew minn nuqqas ta' provvista tal-kontenut diġitali. Għalhekk, id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-possibilità li l-Istati Membri jippromulgaw jew iżommu regoli dwar id-dritt għal danni skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom."

Modifiki tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali⁶⁷

1. Fejn il-kuntratt **jispeċifika** li l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali għandu jkun **disponibbli għall-konsumatur matul perijodu ta' żmien (...)**, il-fornitur **għandu jkun jista' jimmodifika (...)** l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali **pprovdut lill-konsumatur (...)**, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

⁶⁷ Bil-premessa 45 tal-proposta tal-Kummissjoni bħala bażi, jistgħu jingħataw aktar spjegazzjonijiet fil-premessi kif ġej:

"Jenħtieġ li din id-Direttiva tindirizza wkoll il-modifiki, bħall-aġġornamenti u t-titjib, li jsiru minn fornituri għall-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali li jkun disponibbli għall-konsumatur matul perijodu ta' żmien taħt kuntratt eżistenti. Meta wieħed jikkunsidra n-natura li tevolve rapidament tal-kontenut diġitali u tas-servizzi diġitali, dawn l-aġġornamenti, it-titjib jew il-modifiki simili jistgħu jkunu meħtieġa u spiss ikunu ta' vantaġġ għall-konsumatur. Xi wħud minn dawn il-modifiki jistgħu jitniżżlu bħala aġġornamenti fil-kuntratt, li jagħmlu parti mill-impenn kuntrattwali. Jistgħu jkunu meħtieġa modifiki oħra biex jiġu ssodisfati ir-rekwiżiti oġġettivi għall-konformità tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali kif stabbilit f'din id-Direttiva. Madankollu, modifiki oħrajn li jistgħu jiġu previsti fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ikunu jridu jiġu maqbula b'mod espliċitu mill-konsumatur fil-konklużjoni tal-kuntratt.

*Minbarra dawn il-modifiki li għandhom l-għan li jżommu l-konformità, jenħtieġ li l-fornitur ikun jista' **jimmodifika**, b'ċerti kondizzjonijiet, il-karatteristiċi tal-kontenut diġitali jew tas-servizzi diġitali dment li l-kuntratt jagħti raġuni valida għal din il-modifika. Dawn ir-raġunijiet validi jistgħu jinkludu każijiet fejn il-modifika tkun meħtieġa biex il-kontenut diġitali jiġi adattat għal ambjent tekniku ġdid jew għal numru akbar ta' utenti, jew għal raġunijiet operazzjonali importanti oħrajn.*

Sabiex jintlaħaq bilanċ bejn l-interessi tal-konsumaturi u dawk tan-negozju, jenħtieġ li din il-possibbiltà għall-fornitur tkun abbinata mad-dritt tal-konsumatur li jittermina l-kuntratt meta dawn il-modifiki jkollhom impatt negattiv li ma jkunx biss wieħed minuri fuq l-użu tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali jew l-aċċess għalih. Jenħtieġ li l-punt sa fejn il-modifiki jkollhom impatt negattiv fuq l-użu tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali jew l-aċċess għalih jiġi aċċertat b'mod oġġettiv fid-dawl tan-natura u l-iskop tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali u tal-kwalità, il-funzjonalità, l-interoperabbiltà u karatteristiċi ewlenin oħrajn li huma normali f'kontenut jew servizz diġitali tal-istess tip. Madankollu, ir-regoli dwar dawn l-aġġornamenti, dan it-titjib jew modifiki simili ma għandhomx jikkonċernaw sitwazzjonijiet fejn, pereżempju bħala konsegwenza tat-tqassim ta' verżjoni ġdida tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali, il-partijiet jikkonkludu kuntratt ġdid għall-provvista tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali."

4. **Fejn il-konsumatur jitttermina l-kuntratt f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 (...), il-fornitur għandu jħallas lura lill-konsumatur il-parti proporzjonata biss mill-prezz imħallas li tikkorrispondi mal-perijodu ta' żmien wara l-modifika tal-kontenut diġitali jew tas-servizz diġitali.**
5. **Il-paragrafi minn 2 sa 4 m'għandhomx japplikaw jekk il-fornitur ikun ippermetta lill-konsumatur u l-konsumatur ikun aċċetta li jżomm, mingħajr spejjeż addizzjonali, il-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali mingħajr modifiki, u l-kontenut diġitali jew is-servizz diġitali jibqa' jikkonforma.**

Artikolu 16

Dritt ta' terminazzjoni ta' kuntratti fit-tul għall-provvista ta' kontenut diġitali jew servizz diġitali

1. Fejn il-kuntratt jipprevedi l-provvista tal-kontenut diġitali **jew tas-servizz diġitali għal perijodu ta' żmien fiss⁶⁹ li jkun itwal minn 12-il xahar (...)**, il-konsumatur għandu jkun intitolat li jitttermina l-kuntratt mingħajr ħlas fi kwalunkwe mument wara li jiskadi l-perijodu ta' 12-il xahar.⁷⁰

⁶⁹ Il-premessi ser jiċċaraw li l-Artikolu 16 japplika biss għal kuntratti b'terminu fiss ta' aktar minn 12-il xahar u ma jaffettwax ir-regoli nazzjonali dwar it-terminazzjoni ta' kuntratti għal żmien indeterminat. Barra minn hekk, il-premessi ser jiċċaraw li l-Istati Membri jibqgħu liberi li jirregolaw il-kondizzjonijiet li skonthom kuntratt għal terminu fiss jista' jiġġedded b'mod taċitu u l-kondizzjonijiet li skonthom dan it-tiġdid taċitu jista' jitqies bħala kontinwazzjoni tal-perijodu kuntrattwali inizjali.

⁷⁰ Il-premessi jistgħu jiċċaraw li din id-Direttiva m'għandha taffettwa l-ebda dritt tal-konsumatur li jitttermina kuntratt dwar kontenut diġitali jew servizz diġitali matul proċedura għall-aġġustament tad-dejn kif previst skont il-liġi nazzjonali.

2. Il-konsumatur għandu jeżerċita d-dritt li jitttermina l-kuntratt **f'konformità mal-Artikolu 13. Il-konsumatur għandu jagħti l-avviż ta' terminazzjoni mhux inqas minn 30 jum qabel ma ssir effettiva t-terminazzjoni.**
- 3.⁷¹ Meta l-konsumatur jitttermina l-kuntratt f'konformità ma' dan l-Artikolu, **għandhom japplikaw l-Artikoli 13a, 13b u 13c, skont il-każ. (...)**
4. Meta l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali** jiġi pprovdut bi skambju għall-ħlas ta' prezz, il-konsumatur **għandu** jibqa' responsabbli li jħallas il-parti tal-prezz għall-kontenut diġitali **jew għas-servizz diġitali** li jkun ġie pprovdut li jikkorrispondi mal-perijodu ta' żmien qabel ma ssir effettiva t-terminazzjoni. **Il-fornitur għandu jrodd lura lill-konsumatur il-parti biss tal-prezz imħallas li tikkorrispondi mal-perijodu ta' żmien wara t-terminazzjoni tal-kuntratt.**

Artikolu 17

Dritt ta' rimedju

Meta l-fornitur ikun responsabbli vis-à-vis il-konsumatur minħabba kwalunkwe nuqqas li jipprovdi l-kontenut diġitali **jew is-servizz diġitali jew** nuqqas ta' konformità mal-kuntratt li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn persuna fil-ħoloq **preċedenti** fil-katina tat-transazzjonijiet, il-fornitur għandu jkun intitolat li jfittex rimedji kontra l-persuna jew persuni responsabbli fil-katina tat-transazzjonijiet. Il-persuna li kontriha l-fornitur jista' jfittex rimedji u l-azzjonijiet u l-kundizzjonijiet rilevanti tal-eżerċizzju, għandhom ikunu ddeterminati skont il-liġi nazzjonali.

⁷¹ L-ordni tal-paragrafi 3 u 4 inqalbet.

Artikolu 18

Infurzar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm mezzi adegwati u effettivi li jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva.
2. Il-mezzi msemminjin fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li bihom wieħed jew iktar mill-korpi li ġejjin, kif stabbiliti mil-liġi nazzjonali, jistgħu jieħdu azzjoni skont il-liġi nazzjonali quddiem il-qrati jew quddiem il-korpi amministrattivi kompetenti sabiex jiżguraw li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva:
 - (a) il-korpi pubbliċi jew ir-rappreżentanti tagħhom;
 - (b) l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur li jkollhom interess leġittimu fil-protezzjoni tal-konsumatur;
 - (c) l-organizzazzjonijiet professjonali b'interess leġittimu fit-teħid ta' azzjoni.

Artikolu 19

Natura obbligatorja

1. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor f'din id-Direttiva, kwalunkwe terminu kuntrattwali li, għad-detriment tal-konsumatur, jeskludi l-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, jidderoga minnhom jew ivarja l-effetti tagħhom qabel ma l-konsumatur jiġbed l-attenzjoni tal-fornitur dwar **in-nuqqas ta' provvista jew in-nuqqas ta' konformità mal-kuntratt jew qabel il-modifika tal-kontenut jew tas-servizz diġitali f'konformità mal-Artikolu 15 tinġieb għall-attenzjoni tal-konsumatur mill-fornitur**, ma għandux ikun vinkolanti fuq il-konsumatur.
2. **Din id-Direttiva ma għandhiex timpedixxi lill-fornituri milli joffru lill-konsumaturi arranġamenti kuntrattwali li jmorru lil hinn mill-protezzjoni prevista f'din id-Direttiva.**⁷²

⁷² Il-paragrafu 2 il-ġdid jirrifletti d-dispożizzjoni tal-Artikolu 3(6) tas-CRD (fejn din il-kjarifika tinsab fid-dispożizzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni).

Emendi għad-Direttiva 1999/44/KE, ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004, id-Direttiva 2009/22/KE

1. Fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 1999/44/KE, il-punt (b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:
(b) oġġetti tal-konsum: għandha tfisser kwalunkwe oġġett tanġibbli mobbli, bl-eċċezzjoni ta':
 - *prodotti mibjugħa permezz ta' eżekuzzjoni jew b'xi mod ieħor mill-awtorità tal-liġi,*
 - *ilma u gass fejn dawn mhumiex għall-bejgħ f'volum limitat jew fi kwantità fissa,*
 - *l-elettriku,*
 - *mezz **tanġibbli** li jinkorpora fih il-kontenut diġitali fejn dan ikun intuża esklużivament bħala portatur li jwassal kontenut diġitali lill-konsumatur kif imsemmi fid-Direttiva (UE) N/XXX⁷³.*
2. Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, għandu jiżdied il-punt li ġej:
*"21. Id-Direttiva (UE) N/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' XX/XX/201X **dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw** il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali (ĠU...)"*
3. Fl-Anness I għad-Direttiva 2009/22/KE, għandu jiżdied il-punt li ġej:
*"16. Id-Direttiva (UE) N/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' XX/XX/201X **dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw** il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali (ĠU...)"*

⁷³ Direttiva (UE) N/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw il-kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali (ĠU ...)

Artikolu 21

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn *[id-data (l-ewwel tax-xahar) sentejn wara d-dħul fis-seħħ]*.
- 1a. **Dawn għandhom japplikaw dawk il-miżuri minn [6 xhur wara d-data tat-traspożizzjoni skont il-paragrafu 1].**
2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif din ir-referenza għandha ssir.
3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 22

Rieżami

Sa mhux aktar tard minn *[id-data ħames snin wara d-dħul fis-seħħ]* il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Ir-rapport għandu jeżamina, fost l-oħrajn, l-opportunità ta' armonizzazzjoni tar-regoli li japplikaw għal kuntratti għall-provvista ta' kontenut diġitali **jew ta' servizzi diġitali (...)** għajr dik koperta minn din id-Direttiva (...) **inkluż l-applikazzjoni possibbli tad-Direttiva għall-kontenut diġitali inkorporat.**

Artikolu 23

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 24

Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,
